REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 246/2010

tat-23 ta' Marzu 2010

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 989/89 li jirrigwarda l-klassifikazzjoni ta' sdieri kkuttunati fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura statistika u tariffarja u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], u speċjalment l-Artikolu 9(1)(a), tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 989/89 [2] jistipula l-kriterji ta' klassifikazzjoni applikabbli għal anoraks (li jinkludu ġgieget għall-iskijar), inċirati għar-riħ u oġġetti simili fil-kodiċi tan-NM 6101, 6102, 6201 u 6202

(2) Ħwejjeġ tal-intestaturi hawn fuq imsemmija huma ġeneralment milbusa fuq ilbies ieħor u jiżguraw protezzjoni kontra l-maltemp (Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għall-intestaturi 6101, 6102, 6201 u 6202) u, konsegwentament, anoraks (li jinkludu ġgieget għall-iskijar), inċirati għar-riħ, ġgieget għar-riħ u oġġetti simili li jaqgħu taħt dawk l-intestaturi jrid ikollhom il-kmiem twal. Madanakollu, sdieri kkuttunati, minkejja l-fatt li ma għandhomx kmiem, għandhom ikunu koperti minn dawk l-intestaturi għaliex jintlibsu fuq ilbies ieħor għall-protezzjoni kontra l-maltemp, u minħabba l-ikkuttunar tagħhom (Ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għall-intestaturi 6101, 6102, 6201 u 6202, it-tieni paragrafu).

(3) Sabiex tkun żgurata interpretazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, dwar il-klassifikazzjoni tat-tariffa tas-sdieri kkutunati, huwa għalhekk neċessarju li jkun speċifikat li s-sdieri kkuttunati għandhom ikunu klassifikati fl-intestaturi 6101, 6102, 6201 jew 6202 minkejja li ma għandhomx kmiem.

(4) Ir-Regolament (KEE) Nru 989/89 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament tfasslu b'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 989/89 il-paragrafu li ġej huwa miżjud:

"B'deroga mill-ewwel paragrafu dawk l-intestaturi għandhom jinkludu s-sdieri kkuttunati minkejja l-fatt li ma għandhomx kmiem."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2010.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 106, 18.4.1989, p. 25.